## Stqarrija għall-istampa

**Kummenti sessisti jxekklu l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja pubblika**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kummenti degradanti, sessisti u offensivi li dehru dan l-aħħar fuq il-midja soċjali.

Kummenti sessisti joħolqu klima ta' intimidazzjonni, biża' u nuqqas ta' sigurtà. Gruppi speċifiċi ta' nisa, pereżempju nisa żgħażagħ, politiċi, ġurnalisti jew figuri pubbliċi, spiss ikunu fil-mira ta' abbuż sessist. Fil-fatt, madwar 63% tal-ġurnalisti nisa fl-UE ġew ikkonfrontati b'abbuż verbali[1] filwaqt li 58% tal-politiċi nisa minn 45 pajjiż Ewropew kienu fil-mira ta' attakki sessisti online fuq pjattaformi soċjali.[2]

Id-diskors ta' mibegħda sessista mhuwiex biss forma ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet, iżda jkabbar ukoll l-inugwaljanza bejn is-sessi billi jxekkel il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa fil-ħajja pubblika. In-nisa f'Malta huma sottorappreżentati f'ħafna sferi tal-ħajja, speċjalment f'pożizzjonijiet fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet fi ħdan istituzzjonijiet pubbliċi. Filwaqt li qegħdin jittieħdu miżuri korrettivi biex jiġi indirizzat dan l-iżbilanċ, l-użu ta' lingwaġġ abbużiv kontra n-nisa joħloq riskju li jneħħi l-impatt pożittiv ta' dawn l-isforzi.

Kulħadd għandu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja pubblika mingħajr biża' ta' intimidazzjoni minħabba karatteristiċi personali bħall-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon u razza/oriġini etnika. F'dan il-kuntest, l-NCPE ttenni li m'għandux ikun hemm post għal lingwaġġ misoġinistiku f'soċjetà demokratika msejsa fuq l-ugwaljanza.

**15 ta' Marzu 2021**

[1] https://www.coe.int/en/web/human-rights-channel/stop-sexism
[2] https://www.ipu.org/resources/publications/issue-briefs/2018-10/sexism-harassment-and-violence-against-women-in-parliaments-in-europe